**Laqgħa Numru 80**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**25 ta' Lulju 2018**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex fl-5.00 ta' filgħaxija

---

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

Jeanelle Attard -Kunsilliera

George Zammit -Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

MISTIEDEN

Mario Camilleri - Voluntier fl-Evviva Wine Festival

**Minuti**

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**80.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

80.1.1 Ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji mill-Kunsilliera.

**80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

80.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 79 li saret nhar it-Tnejn 25 ta' Ġunju 2018 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**80.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

80.3.1 Is-Sindku rreferra għall-plakka tal-mużajk bl-isem *Xewkija Branch Library* għal-librerija li kienet issemmiet fil-laqgħa li saret f'Mejju. Il-membri tal-Kunsill qablu li kemm l-artwork kif ukoll ix-xogħol tal-mużajk kellhom isiru mis-Sinjura Mary Portelli li hi intiża ħafna fix-xogħol talo-mużajk. Id-daqs magħżul kien ta' 30 X 40cm bil-prezz ta' €225.00

80.3.2 Is-Sindku saqsa lis-Segretarju jekk kienx hemm xi korrispondenza min-naħa tal-avukatessa Formosa rigward l-Arloġġ tax-Xemx fi Triq Santa Teodora. Is-Segretarju kkonfermat li le u ħadet nota biex terġa' tfakkar lill-avukatessa minnufih..

80.3.3 Is-Sindku rrefferra għall-boroż taż-żibel li qed jinħarġu kmieni u mpoġġiha quddiem residenti oħrajn kmieni filgħodu fil-Pjazza. Il-membri qablu mal-proposta tas-Sindku biex is-Segretarju tiġbor kwotazzjonijiet għall-cameras ma' kull naħa tal-latrina biex b'hekk minn qed iħammeġ jinqabad.

80.3.4 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li kien hemm bżonn li jinġabru kwotazzjonijiet għall-boxxla fil-Kunsill Il-Ġdid. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

**80.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

80.4.1 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab biex jitqabbdu l-ħaddiema allokatti mal-Kunsill biex jittranġa l-ħajt li hemm fil-bidu Triq Torri Gorġun minnufih biex jiġi evitat il-periklu.

80.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni rigward l-avviżi li mhux qed jiġu ppubblikati fil-bullettin. Is-Segretarju ħadet nota biex tkellem lil Arċipriet. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet fuq il-possibilita' li ssir Electronic Noticeboard li idealment isir fejn il-Mitħna jew fil-pjazza biex b'hekk tilħaq kemm jista' jkun nies.

80.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet li l-Kunsill kellhu jinfetaħ f'Jum Ix-Xewkija. Is-Sindku stqarr li jaħseb li jagħmel sens li l-ewwel jibda jopera l-Kunsill mill-Kunsill Il-Ġdid imbagħad isir il-ftuħ uffiċjali.

80.4.4 Il-Kunsillier Hubert Saliba ġibed l-attenzjoni li l-bankijiet baqgħu ma nżabgħux.

80.4.5 Il-Kunsillier Hubert Saliba stqarr li jħoss li mhux biżżejjed naħdmu bil-ħaddiema allokatti mal-Kunsill għax dawn mhux qed ilaħħqu mar-raħal li jrid dawra mill-ħaxix kollhu kemm hu. Hu ġibed l-attenzjoni fuq Triq San Pawl li mhux qed tinkines.

80.4.6 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard reġgħet ġibdet l-attenzjoni fuq Triq Widnet Il-Baħar li la qiegħda tinkines u anqas jinqata' l-ħaxix. Is-Segretarju kkonfermat li huwa biss ħaddiem wieħed li qed jaqta' l-ħaxix u dan ma jistax ilaħħaq mar-raħal kollhu.

**80.5 Rendikont fuq l-Evviva Wine Festival**

80.5.1 Is-Sindku kkomunika li jħossu sodisfatt li l-Evviva Wine Festival kien suċċcess u jemmen li dan l-avveniment għandu jibqa' jsir kull sena.

80.5.2 Is-Sindku stieden lis-Sur Mario Camilleri biex jitkellem. Kien hawnhekk lis-Sur Camilleri poġġa fuq il-mejda l-*isponsorship* li kien ġie miftiehem. Is-Sur Camilleri kien ħa l-inbid li kien baqa.'

80.5.3 Is-Sur Camilleri saqsa rigward l-akkomodazzjoni. Il-Kunsill ddiskutta li din ma kellhiex titħallas mill-Kunsill għax hekk kien il-ftehim mill-bidu.

**80.6 Preparamenti fuq Fior D'Argenta**

80.6.1 *Giochi-It's a Knockout*. Il-Kunsill ddiskutta l-imejl li intbagħtet mill-Arċipriet rigward *Giochi- It's A Knockout.* Il-Kunsill qabel li kellha ssir *Festa Familja* minflok fejn għandu jkun hemm diversi *bouncy castles,* kant, żfin u anke tintrema 5 A side football pitch bit-*turf*. L-iskop hu li tinħoloq atmorsfera differenti mmirata għal familji bit-tfal żgħar u b'hekk il-konkorrenza tkun aktar.

80.6.2 Il-membri ddiskuttew li għandna nitolbu biex nisselfu l-palk għad-29 ta' Awwissu 2018 minn tal-Kultura u naħsbu nibbukjaw 500 siġġu.

80.6.3 Is-Sindku kkommunika li flimkien mas-Segretarju kellhu laqgħa mas-Sur Michael Buhagiar fl-1 ta' Awwissu 2018 dwar il-possibilita' li ningħataw għajnuna min-naħa tas-Segretarjat għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.

**80.7 Korrispondenza u Materji Oħra**

80.7.1 Imejl milll-Uffiċju tad-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali dwar il-fondi relatati mal-proġett li l-Kunsill tax-Xewkija bagħat taħt il-Miċura 4.3 'Rural Development Programme for Malta 2014-2020.

80.7.2 Imejl mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar l-istedina għal-Laqgħa Plenarja li ser issir nhar is-7 ta' Lulju 2018.

80.7.3 Ittra mit-Transport Malta dwar Clear Bay/Reserved Parking Bay li resident minn Triq Santa Katarina applika biex isir.

80.7.4 Ittra mingħand Dr. Stephen Vassallo, fejn talab li jsir Traffic Management fi Triq tal-Ħamrija minħabba s-sewqan li qed ikun hemm f'din it-triq u li kważa t'hekk kellna inċidenti fatali.

80.7.5 Imejl mir-Reġjun Għawdex fejn talab lill-Kunsilli Lokali li huma interessati, iressqu l-proposti tagħhom għall-Baġit 2019 lir-Reġjun Għawdex sabiex ikunu jistgġu jiġu diskussi u approvati jew mod ieħor fil-Laqgħa tar-Reġjun Għawdex li ser tinżamm nhar it-Tlieta 17 ta' Lulju 2018.

80.7.6 Imejl mingħand il-Kap tal-Iskola Primarja tax-Xewkija fejn irringrazzjat lill-Kunsill tal-għajnuna matul din is-sena skolastika u talbet biex il-Kunsill jgħin mill-ġdid biex jitħawwlu 10 siġriet oħra fil-ġnien tal-frott irqieq.

80.7.7 Imejl mit-Transport Malta dwar 'Double Yellow Line' fi Triq il-Ħelsien quddiem l-isqaq 'Jacaranda' fejn ma sabu l-ebda oġġezzjoni biex dan isir.

80.7.8 Imejl mingħand Ritienne Sultana fejn talbet għal żewġ voluntiera għal Car Wash b'risq id-Dar Merħba Bik.

80.7.9 Avviż legali 222 tal-2018 – Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti (L.S. 441.04) dwar Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsilli Lokali.

80.7.10 Ċirkulari AKL 2018/085 – Sejħa għall-applikazzjonijiet għall-2021 European Green Capital Award Competition.

80.7.11Ċirkulari AKL 2018/084 – Sejħa għal kandidati għad-delegazzjonijiet taż-żgħażagħ 2019.

80.7.12Imejl mis-Segretarja Eżekuttiva lis-Super biex tittieħed azzjoni mmedjata biex heavy vehicles ikunu projbiti milli jgħaddu minn Triq l-Indipendenza u l-Pjazza. Is-Super saqsa jekk hemmx tabelli u s-Segretarja Eżekuttiva wieġbet li hemm it-tabelli meħtieġa.

80.7.13Imejl mingħand l-ERA dwar il- 'Malta-Gozo Tunnel'. Il-Kunsill jista jibgħat l-kummenti tiegħu sal-15 t'Awissu

80.7.14Ittra mingħand Magro Brothers Ltd dwar inizzjattive li l-kumpanija ser tagħmel bl-isem ta' 'Community Outreach Program'. L-għan ta' din l-inizjattiva hija li ssaħħaħ r-relazzjonijiet ta' bejn il-kumpanija u l-lokalitajiet Maltin. Il-program ser ikun maqsum f'żewġ partijiet.

80.7.15Ittra mit-Transport Malta fejn tgħid li t-TM ma ssib ebda oġġezzjoni biex isir ‘Double Yellow Line’ ħdejn il-garage numru 32 Triq San Bert.

80.7.16Ittra mit-Transport Malta fejn tgħid li t-TM ma ssib ebda oġġezzjoni bie000x isir ‘Double Yellow Line’ faċċata tal-Garage Casa D’Alibico fi Triq San Duminku.

80.7.17Talba mis-Sur John Apap biex isirlu l-bankina mal-post tiegħu. Il-membri tal-Kunsill qablu li din isir peress li din kellha tinkiser minħabba li meta saret it-triq il-livell tat-triq varja ħafna u s-Sinjuri Apap spiċċaw ma jistgħux jużaw il-garaxx.

80.7.18 Talba mis-Sur Joe Axiaq bies tinbidel il-bankina għax għolja wisq fi Triq Sant’Indrija. Il-membri tal-Kunsill ddeċidew li din tinbidel biss jekk is-Sur Axiaq jaqbel li t-tarġa li hemm ssir ġewwa.

807.19 Talba mis-Sur Mario Agius ta’ Triq Il-Kbira biex tinbidel il-bankina għax qed jitla’ wisq ħaxix fil-bankina preżenti magħmula mill-brick. Il-Kunsill ddeċċieda li din għandha titnaddaf mill-ħaxix u jintefa’ r-ramel.

80.7.1 Talba mis-Sinjura Carmen Grima biex jiqsaru d-double lines maż-żewġ naħat tat-Triq Ġuże D’Amato. Il-membri tal-Kunill qablu li din it-talba għandha titmexxa lil Transport Malta biex tevalwa jekk dan hux possibli.

80.7.2 Talba mis-Sinjura Alice Saliba biex jinbena ħajt ta’ triq li twaqqa’ minn ħajt. Il-membri tal-Kunsill iddeċiedew li s-Segretarju għandha ssaqsi lis-Sinjura Saliba jekk tafx min waqqa’ dan il-ħajt ħalli jekk fl-affirmattiv jieħu ħsieb li jirranġah hu stess. .

**80.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ Pagamenti**

80.9.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta’ pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**80. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

80.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.45pm. Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar l-Erbgħa 22 ta’ Awwissu 2018 fl-4.30pm.

Konfermati, illum **22 t’Awwissu 2018**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________ | ______________________ |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |